MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2003

Citazzjoni Numru. 63/1994/1

Pawlu u Maria konjugi Attard .

vs

Joseph u Rita konjugi Attard .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi, wara li ppremettew :

Illi bejn Novembru tal-elf disa' mija u disgha u tmenin (1989) u April tal-elf disa' mija u disghin (1990) l-attrici kienet ipprestat diversi servizzi, kuri w assistenzi lill-konvenuti, konsistenti principalment fil-kura ta' iben il-konvenut u ta' darhom kull jum mis-sebgha ta' fil-ghodu (7.00 a.m.) sas-siegha ta' wara nofs inhar (1.00 p.m.) .

Illi dawn is-servizzi gew rezi bi ftehim espress li l-atturi jigu remunerati .

Illi minkejja bosta weghdiet il-konvenuti naqsu milli jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas tal-kumpens gust u dovut u dan l-ahhar bdew ukoll jinnegaw l-obbligu taghhom .

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. Privia d-dikjarazzjoni li lill-atturi jispetta kumpens ghas-servizzi kuri w assistenzi msemmija, tillikwida l-kumpens dovut .

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi l-ammont hekk likwidat .

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja spedita fl-10 ta' Jannar, 1994 u tal-ittra ufficjali spedita f'Jannar tas-sena korrenti .

Il-konvenuti mharrka ghas-subizzjoni li ghaliha minna issa qed jigu ngunti.
Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi kkonfermata bil-gurament ta' Maria Attard .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew illi :

1) Preliminarjament, il-preskrizzjoni Kwinkwennali ,

2) Fil-mertu u minghajr pegudizzju ghall-premess, jekk verament gew rezi xi servigi, dawn saru *pietatis vel familiaris causa* minghajr l-ebda dritt ta' kumpens,

3) Illi fi kwalunkwe kaz ukoll, jekk gew rezi xi servigi dawn gew adegwatament ikkumpensati mill-konvenuti .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti mahlufa minn Joseph Attard .

Rat id-digriet taghha tas-16 ta’ Jannar 1996 fejn innominat lill-avukat Dottor Aron Attard Hili bhala perit legali sabiex jiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici kif kontenuti f’din ic-citazzjoni .

Rat ir-relazzjoni ta’ l-istess perit pprezentata fis-16 ta’ Mejju 2000 u mahlufa fis-17 ta’ Mejju 2001 .

Rat l-atti l-ohra kolha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha .

Nat in-noti ta’ l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Ikkunsidrat :

Permezz ta’ din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu kumpens ghas-servigi li gew resi mill-attrici meta l-konvenuta htegilha taghmel xi zmien l-isptar ghall-kura . Preliminarjament il-konvenuti eccepew il-preskrizzjoni ta’ hames (5) snin applikabbli f’kazijiet simili . Mill-provi jirrizulta illi dawn is-servigi gew resi bejn Novembru 1989 u April 1990 . Il-kawza prezenti giet intavolata fit-12 ta’ April 1994 u ghalhekk kienu ghadhom ma skadewx hames snin mid-data meta l-attrici bdiet tirrendi s-servigi taghha . Billi m’hemmx preskrizzjoni, din l-ewwel eccezzjoni qed tigi ghalhekk minnufih respinta .

Bit-tieni eccezzjoni taghhom, il-konvenuti qeghdin jghidu illi m’hemm l-ebda lok ghall-kumpens ghas-servigi resi mill-attrici ghax dawn saru *pietatis vel familiaris kawza* . Huwa minnu illi l-attur u l-konvenut huma ahwa, imma kif jirrizulta mill-gurisprudenza kopjuza ccitata sew mill-perit legali fir-relazzjoni tieghu, kif ukoll mill-atturi fin-nota ta’ l-osservazzjonijiet taghhom, it-tendenza recenti u kostanti tal-Qrati taghna hija fis-sens illi ***l-presunzjoni ghandha tkun illi s-servigi jinghataw minn kwalunkwe persuna bl-intendiment li tigi kkumpensata ghalihom, u din il-presunzjoni taqa’ biss meta jigu pprovduti provi konkreti fil-kuntrarju***.

Fil-kaz in ezami jirrizulta illi ma kienitx l-attrici li offriet minn jeddha li tippresta dawn is-servigi, imma din giet

avvicinata minn terza persuna li kienu baghtuha l-istess konvenuti sabiex jaraw jekk kienitx lesta taqdihom fil-bzonn li kien inqalghalhom . Imkien ma rrizulta illi l-attrici offriet is-servizzi taghha gratwitament . Il-konvenuti wkoll indikaw ir-rieda taghhom li jikkumpensawha adegwatament . Kienu jghidulha biss tissaporti ftit sakemm jiehdu xi haga mill-wirt tal-genituri ta' l-attur u l-konvenut, li kien fil-process li jigi likwidat . Imma anke wara li finalment inqasam dan il-wirt, ftit qabel ma giet istitwita din il-kawza, l-konvenuti kull ma kienu lesti joffru lill-attrici ghal dak li ghamlet maghhom kienet hames liri (Lm5) u kaxxa sapun . Kien ghalhekk li l-atturi, billi ma setghux jiftehmu mal-konvenuti dwar il-kumpens dovut illi mbaghad fethu l-kawza presenti .

Infatti bit-tielet eccezzjoni taghhom il-konvenuti jikkontendu illi l-attrici giet adegwatament ikkumpensata ghal dak li setghet ghamlet . Presumibilment il-konvenuti jippretendu illi hallsu lill-attrici billi baghtulha l-prodott tas-sapun ghall-hasil tal-hwejjeg ma' binha . Imma qabel ma l-Qorti tkun f'pozizzjoni tara x'inhu realment dovut lill-attrici, irid jigi stabilit fiex kienu tassew jikkonsistu dawn is-servigi . L-attrici spjegat illi peress li l-konvenuta dik il-habta kien htegilha taghmel xi zmien l-isptar ghall-kura, ntalbet sabiex tiehu hsieb it-tifla z-zghira tal-konvenuti li kellha madwar sentejn u dana fil-hinijiet li l-konvenut ikun ghax-xoghol il-Posta . Kien spjegalha illi kien spiccalu l-*leave* u ma tantx seta' jassenti ruhu mix-xoghol, anke minhabba li kien qed joqrob l-istagun tal-Milied u kellhom hafna xoghol . Hija ghalhekk kienet taghmel mat-tifla mis-seba' ta' filghodu (7.00 a.m.) sa s-siegha ta' wara nofsinhar (1.00 p.m.), kuljum mit-Tnejn sa s-Sibt, fid-dar tal-konvenuti, pero' xi kultant il-gara kienet tissostitwiha f'nofsinhar . Matul in-nofs ta' nhar li kienet taghmel hemm, kienet taghtiha l-halib u l-laringa li kien ikun lestilha l-konvenut u taghmel xi facendi hfief . Tliet darbiet fil-gimgha kienet tattendi wkoll *helper* li kienet taghmel xi facendi wkoll . Damet b'din ir-rutina ghal erba' xhur shah, sakemm il-konvenuta harget mill-isptar . Wara xi hmistax il-konvenuta htegilha tattendi l-isptar bhala *outpatient* u ghamlet xahar iehor bl-istess rutina .

Lill-attrici ma sarilha ebda kontro-ezami . Imma mbaghad il-konvenut fid-depozizzjoni tieghu rrestringa dawn is-servigi ghal darba fil-gimgha biss tul perijodu ta' sitt gimghat u ghal inqas hin milli kienet indikat l-attrici . F'dan il-konflitt ta' provi, fejn tezisti diskrepanza daqshekk kbira dwar il-firxa taz-zmien li fih gew resi dawn is-servigi, huwa l-kompitu tal-Qorti li tara liema versjoni hija l-aktar kredibbli u verosimili . Fin-Nota ta' l-osservazzonijiet taghhom il-konvenuti jikkontendu illi l-atturi ma gabux l-ahjar prova, li kienet tkun ir-*records* ta' l-isptar dwar il-konvenuta. Ma jidhirx pero' illi dawn kienu accessibbli ghall-atturi, billi normalment tali dokumenti huma kunfidenzjali u jinhargu mill-isptar bil-kunsens biss tal-pazjent . Madankollu l-attrici, apparti d-depozizzjoni ezawrjenti taghha, fejn taghat deskrizzjoni dettaljata tat-tip ta' servigi resi u l-hin allokat ghalihom, ressqet ukoll xhud indipendenti fil-persuna ta' Maria Falzon . Din kienet *helper* li kienet intbghatet taghmel xi facendi ghand il-konvenuti ghal perijodu ta' xi tmien xhur, madwar tliet darbiet fil-gimgha dik il-habta li l-konvenuta kienet qed tattendi l-isptar, u kkonfermat illi kienet issib lill-attrici hemhekk tiehu hsieb it-tifla .

Il-Qorti ma taqbilx ghalhekk mal-konkluzjoni peritali li ma hu dovut ebda kumpens lill-attrici ghax dawn saru *pietatis vel familiaris causa* u fi kwalunkwe kaz l-istess attrici rrinunzjat ghalihom . Jezistu provi sufficjenti li jindikaw illi l-attrici rrendiet is-servigi minnha msemmija u li taghhom haqqha kumpens adegwat . Irrizulta illi l-atturi kienu qed jippretendu minghand il-konvenuti s-somma ta' tliet mitt lira maltija (Lm300) ghal dak li ghamlet l-attrici maghhom . Din is-somma kienet esagerata fil-fehma tal-konvenuti, imma l-Qorti thoss illi fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, mehud in konsiderazzjoni l-konsistenza tal-servigi, fejn ma jidhirx illi kien hemm xi tbatija nvoluta, l-hin ddedikat ghalihom, iz-zmien meta saru u anke l-parentela stretta bejn l-attur u l-konvenut, it-talba ta' l-atturi kienet wahda ragonevoli u jisthoqilha konferma .

Ghal dawn il-motivi, tiddecidi l-kawza, billi filwaqt illi tichad l-ecezzonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attrici, u

1. Tiddikjara illi lill-atturi jispetta kumpens ghas-servizzi, kuri u assistenzi resi mill-attrici lill-konvenuti, fic-cirkostanzi msemmija f'din is-sentenza ;
2. Tillikwida l-kumpens dovut fis-somma ta' tliet mitt lira maltija (Lm300) ; u
3. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu l-ammont hekk likwidat lill-atturi .

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra nterpellatorja spedita fl-10 ta' Jannar 1994 u ta' l-ittra ufficcjali spedita f'Jannar ta' l-istess sena kontra l-konvenuti .

S6394Pc

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------